# *KUNSILL LOKALI MARSA*

**Tmien Legislatura**

*Minuti tal-għoxrin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Vici-Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tad-dsatax-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 02 ta' Novembru 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ Direttiva dwar id-Donazzjonijiet li jingħataw. F'din id-Direttiva hemm miktub ċar li l-Kunsilli Lokali ma jistgħux jagħtu donazzjonijiet kemm fi flus kif ukoll mhux fi flus, b'eċċezzjoni fejn jingħataw mementoes lill-delegazzjonijiet barranin u l-ammont ma jridx jaqbez mitejn ewro.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ppublika il-figuri tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali għas-sena 2017 fiċ-Ċirkulari numru 43. Hawnhekk insibu li l-lokalita' tal-Marsa s-sena d-dieħla ser tieħu l-ammont ta' €482,734.40. Din hija żieda marġinali ta' madwar €13,000 fuq l-ammont allokat għal din is-sena.

## 4. *Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mid-03 ta' Novembru 2016 sal-14 ta' Diċembru 2016*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Mużikali Banda Marija Reġina ser torganizza akkademja mużikali f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Paroċċa Marija Regina li ser tiġi tiswa madwar €4,500 u qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistgħx jghin. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Segretarju bgħat email jinforma lis-Soċjeta' li fid-dawl tad-Direttiva numru 5 li tirregola d-Donazzjonijiet imsemmija qabel, il-Kunsill Lokali Marsa ma jkunx jista jikkontribuixxi għal din l-inizjattiva. L-Għaqda staqsiet ukoll jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama fil-kalendarju li jiswa €150. Il-Kunsill qabel unanimament li jkun hemm dan ir-reklamar. Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer issekonda.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv ftit tal-ġimgħat ilu bgħat korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti fil-Gvern Lokali u għall-Impjegati fis-Settur Pubbliku. Is-Sindku fakkar lil dawk prezenti li huwa importanti li kulħadd jaqra dan id-dokument u li fuq kollox dan jiġi osserarvat.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li ħarġet Ċirkulari (Numru 38/2016) mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bit-titlu Fondi Publiċi minfuqa għal Finanzjament ta' l-Għaqdiet. Id-Dipartiment qed ifakkar lill-Kunsilli Lokali li ma jisgħux jintużaw fondi pubbliċi biex jiġu ffinanzjati għaqdiet jew individwi biex jorganizzaw attivita li ma taqax taħt il-funzjoni tal-Kunsill. Dan ikompli jsaħħah d-Direttiva numru 5 li ħarġet bl-istess għan matul dawn l-aħħar ġimgħat.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Għaqda Festi Esterni Trinita' qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jirriklama fuq il-Kalendarju tagħhom għas-sena 2017 fejn il-prezz għal-żewġ reklami huwa ta' €230. Apparti dan is-servizz ta' arbli li jitlob il-Kunsill kull sena għal-Milied huwa ta' €115. Il-Membri kollha tal-Kunsill qablu li jkun hemm dan ir-reklamar u s-servizz tal-arbli. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit ssekonda.

## 5. *Schedule of Payments 12/16*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order   4319-4338*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4319 sa 4338 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom.  Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request  3293-3313*

7.1  Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3293 sa 3313 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom.  Is-Sur Domenic Spencer issekonda.  Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Performance Bonus tal-impjegati*

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-performance appraisals tat-tlett impjegati klerikali tal-Kunsill. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li t-tlett impjegati klerikali jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%.Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.2 Sadanittant, is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-performance appraisals tas-Segretarju Ezekuttiv s-Sur Edward Spiteri Audibert u tal-ex Agent Segretarju s-Sur Kenneth Brincat ser ikunu qed jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 9. *Lezzjonijiet ta' drama fil-Bini tal-Kunsill*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li s-Sur Clayton Pace, għalliem tad-drama li jgħix il-Marsa jixtieq jibda juza l-bini tal-Kunsill sabiex jkun jista joffri lezzjonijiet issussidjati lit-tfal matul is-Sibt, li l-maggoranza assoluta tagħhom huma tfal mill-Marsa. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din hija inizjattiva pozittiva għax dan huwa servizz għat-tfal tal-lokalita'. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament li l-bini tal-Kunsill jiġi offrut għal dan il-għan u s-Sur Clayton Pace huwa fil-liberta' li joffri donazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda.

9.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa li peress li s-sala tal-Kunsill ser jiġi użat mit-tfal jridu jigu mwaħħla cameras tas-sigurta' b'sinjali li jindikaw li l-post huwa mgħasses bil-

cameras. Hawnhekk il-Kunsilliera s-Sur Domenic Spencer u s-Sur Frank Zammit issuġġerixxew li l-ġenituri għandhom ikunu nnotifikati li l-post ser ikun mgħasses bil-cameras. Il-Vot kien unanimu u l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda.

## *10. Tiswija tal-Ħajt tal-Ġnien Belveder*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono wera' lill-Kunsill il-Ħajt tal-Ġnien Belveder li jinsab fi stat ħażin u hemm bżonn li dan jiġi rrangat sabiex dan ma jkunx ta' periklu għal min jżur dan il-post. Il-vot kien unanimu filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda.

## *11. Bidla ta' Parti mill-Bankina ta' Triq Qormi ma Triq Isouard*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li hemm bżonn li ssir tiswija f'parti mill-bankina ta' Triq Qormi ma Triq Isouard, dan hekk kif daħlu x'ilmenti li l-post qed ikun ta' periklu għal min jgħaddi min hemm. Il-vot kien unanimu u l-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda

11.2 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer irrimarka li hemm numru ta' ħofor fuq iz-żewġ naħat ta' Triq Santa Rita u li dawn jistgħu jiġu mimlijin bil-konkos. Hawnhekk is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li malli jkun qed isir it-tarmak fi Triq it-Tiġrija l-kuntrattur ikun jista jimla dawn il-ħofor fi Triq Santa Rita bit-tarmak.

## *12. Proposta minn Transport Malta dwar l-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-akkwata ta' l-Iskola Tereza Nuzzo*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li xi erbgħa siegħat qabel il-laqgħa tal-Kunsill kellu laqgħa ma' Transport Malta fejn tkellmu dwar il-problemi relatati ma l-immaniġjar tat-traffiku f'din iż-żona. Hawnhekk ġie mifties̈hem li għalissa Transport Malta ser tpoġġi fil-ġenb il-proposti tagħha hekk kif fl-istess żona ser jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bini tal-Marigold Foundation u għaldaqstant jixtiequ jaraw is-sitwazzjoni tat-toroq wara t-tlestija ta' din il-binja. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi u l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer irrimarkaw li dan il-proġett għandhu ikun wieħed holistu għaż-żona kollha.

.

## *13. Installazzjoni ta' CCTV cameras mad-dawra tat-Teatru Griek*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex isib quotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' CCTV Cameras għal mad-dawra tat-Teatru Griek sabiex tiżdied is-sigturta'. Il-ħsieb huwa li l-Kunsill jibgħat ittra lill-Klabb tal-Futbol jekk dawn ikunux lesti iżommu fil-bini tagħhom ir-recoder. Madanakollu, l-filmati miġbuda mill-cameras xorta waħda ikunu propjeta' tal-Kunsill. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer talab għall-possibilita' dwar jekk dan ir-recoder ikunx jista' jiġi nstallat fl-għassa tal-Pulizija tal-Marsa. Hawnhekk is-Sindku s-Sur

Francis Debono wieġeb li nistgħu naraw jekk hemmx il-possibilita' li dan isir. Il-Kunsill ivvota unanimament favur din il-proposta filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda.

## 14. *Proposta mill-Artist għal Monument tal-50 sena Paroċċa Marija Reġina*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li l-iskultur s-Sur Andrew Bugeja lest jagħmel monument mill-isbaħ sabiex jiġi mfakkar il-50 sena min meta l-Paroċċa Marija Reġina ġiet imwaqqfa. Huwa lest li jagħmel din l-opra t'arti bla ħlas iżda jixtieq li jiġi megħjun fix-xiri tal-materjal li jkollu bżonn. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser jitlob lill-artist li jipprezentalna abozz għas-seduta li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament li l-artist għandhu jitħallas ta' l-ispejjez li ser jonfoq biex jitlesta dan il-proġett. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda.

## 15. *Laqgħa Pubblika*

15.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li skont il-liġi, l-Kunsill huwa obbligat li jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalita' qabel ma jiġi approvat l-Estimi Annwali. Il-Membri kollha tal-Kunsill qablu li din il-laqgħa għandha ssir nhar il-Erbgħa 25 ta' Jannar fis-sebgħa ta' filgħaxija fil-bini tal-Kunsill.

## 16. *Stimi ta' Road Resurfacing f'Parti min Triq is-Salib u Triq Guzeppi Zammit*

16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa li l-Kunsill għandhu l-istimi ta' 'road resurfacing' f'parti min Triq is-Salib u Triq Guzeppi Zammit. It-total tal-ispejjeż dovut mill-Kunsill għat-tlestija ta' dan il-proġett huwa ta' €7810.71. Il-vot tal-Kunsill kien wieħed unanimu, l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda.

## 17. *Xiri ta' kotba għall-parteċipanti tal-Kompetizzjoni tat-Tappijiet*

17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li gimgħa ilu l-parteċipanti tal-Kompetizzjoni tat-Tappijiet kienu mistiedna jiġu l-Kunsill sabiex jiġu mwieżna t-tappijiet u jkun hemm ir-rebbieħa tal-Kompettizjoni. Kien hawn fejn il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer talab li jiġi eżentat min din id-diskussjoni għaliex waħda mit-tfal tiegħu li tmur l-iskola Primarja San Ġorġ Preca tal-lokal ħadet sehem fil-kompettizjoni. Il-Kunsill aċċetta t-talba tas-Sur Spencer, għaldaqstant is-Sur Spencer ħareġ mid-diskussjoni. Il-Kunsill jixtieq li r-rebbieħa, jiġifieri min ġie l-ewwel, it-tieni u t-tielet jieħdu tablet bħala rigal kif ukoll kotba li l-valur tagħhom ma jkunx aktar min għoxrin ewro, filwaqt li l-parteċipanti kollha, 19-il persuna b'kollox jieħdu kotba bħala rigal għall-parteċipazzjoni tagħhom. Il-vot favur din il-proposta kien wieħed unanimu, u l-Kunsillier

s-Sur Frank Zammit issekonda. Din il-preżentazzjoni għandha issir nhar-il Erbgħa 25 ta' Jannar qabel ma tibda l-Laqgħa Pubblika u li għaliha jiġu mistiedna dawk il-persuni li għenu f'din il-kompetizzjoni.

17.2 Wara t-teħid ta' din id-deċizjoni l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer reġa daħal lura.

## 18. *Tweġibiet għall-mistoqsijiet prezentati mill-Kunsilliera*

18.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li irċieva ilment min persuna fi Triq is-Sajjieda għax il-konkos mhux livellat sew, u dan qed jwassal biex l-ilma tax-xita jidħol fid-dar ta' din il-persuna. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser jinvestiga dan il-kaz sabiex fejn huwa possibli jiġi evitat dan l-inkonvenjent.

18.2 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer qal li matul din il-gimgħa kien qed ikun hemm ħafna artikli fuq il-media dwar il-problema tal-homelessness fil-lokalita' tal-Marsa, problema li l-Kunsill ilu jaf biha. Huwa ssuġġerixxa li jkun hemm stqarrija uffiċjali minn naħa tal-Kunsill sabiex nerġaw niġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti dwar din il-problema li qed tkun ta' piż kbir għar-residenti tal-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill ilu ħafna jibgħat emails sew lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Ministru tal-Politika Soċjali, u dawn ser jiġu nibgħuta lill-Membri tal-Kunsill b'email. Is-Sindku flimkien mall-Kunsill qablu unanimament li għandha tinħareġ stqarrija sabiex tittieħed azzjoni minnufih għall-benefiċċju tar-residenti.

18.3 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer fakkar il-Kunsill dwar dak li kien ġie miftieħem mill-Kunsill fil-passat dwar bye law li tirregola l-bandli, fejn dawn ikunu biss uzati mit-tfal fil-preżenza tal-ġenitur tagħhom. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li għamel komunikat mal-Avukata dwar dan l-abbozz ta' liġi lokali u li qiegħed fil-proċess li jitlesta.

18.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi għamel kumment dwar il-petizjoni tal-Marsa-Ħamrun Byepass, fejn il-Ministru tat-Toroq u l-Infrastruttura kkonferma bil-fomm li rċieva din il-petizzjoni. Huwa qal li hemm bzonn li ssir 'zebra cross' u li jitwaħħlu 'speed cameras' fil-byepass qabel id-daħla tal-Paroċċa Marija Reġina. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li diġa' hemm talba għal dan il-għan.

18.5 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spenser qal li fil-laqgħa li ġejja jrid ikun hemm proposti fuq kampanja ta' tindif u li nfaħħru l-inizjattiva li ħadu l-iskola tal-Gvern fil-lokalita', magħrufa bħala Eko-skola. Kien hawn li l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issuġġerixxa li jkun hemm tħawwil ta' aktar siġar fil-lokalita' biex jagħmel tajjeb għat-tniġġiż tal-arja. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser jibbenefika minn programm ta' fondi mid-Dipartiment tal-Parks għall-afforestazzjoni tal-lokalita'.

## 19. *Aġġornament tal-Laqgħa*

19.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25 ta’ Jannar 2016 fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija (5.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja neqsin għoxrin ta’ filgħaxija (7.40pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | _____________________ |
| Francis Debono | Edward Spiteri Audibert |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

25 ta’ Jannar 2017